# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2001.**

**Kawza Numru 2**

**Citazz. Numru 2203/95 GV.**

Doc. 90.01

**Joseph Cuschieri**

**vs**

**Anthony Savona ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' FOGG LIMITED u din in rappresentanza tas-socjeta' estera ALS POLICIES at LLOYDS u dawn kif surrogati ghad-drittijiet tal-assikurat taghhom JEAN PIERRE ELLUL CASTALDI, sia bil-polza u sia bil-ligi**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fl-24 ta' Mejju, 1993 inghatat sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Savona noe vs Joseph Cuschieri" (Citaz. Nru. 327/93 GMA) li permezz taghha l-Qorti kkundannat lil Joseph Cuschieri ihallas lis-socjeta' Fogg Limited nomine s-somma ta' Lm485.27 u l-ispejjez tal-kawza;

Premess li b'mandat ta' Qbid numru 1726/95 mahrug fil-21 ta' Awissu, 1995 fuq

talba ta' Anthony Savona nomine inqabdu minn ghand Joseph Cuschieri diversi oggetti bhala rahan ghas-sorte, l-imghax u spejjez tal-kawza msemmija;

Premess li Joseph Cuschieri qatt ma rceva c-citazzjoni numru 327/93 fuq imsemmija;

Premess li l-firma lanqas ma hija ta' xi persuna li toqghod fl-indirizz indikat u lanqas ma hija ta' xi persuna maghrufa minn Joseph Cuschieri;

Premess li Joseph Cuschieri, l-attur odjern, sar jaf ghall-ewwel darba bic-citazzjoni msemmija u bil-proceduri konnessi u sussegwenti meta nnotifikawh bil-mandat ta' Qbid imsemmi li gie esegwit fit-18 ta' Ottubru, 1995;

Premess li ghalhekk is-sentenza msemmija giet miksuba irregolarment u ghandha tigi ddikjarata nulla u bla effett;

Premess illi ghalhekk ukoll il-mandat ta' Qbid imsemmi ma hux fondat u ghandu jigi revokat;

L-attur talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li Joseph Cuschieri, l-attur fil-kawza odjerna, u konvenut fic-citazzjoni numru 327/93 GMA fl-ismijiet "Anthony Savona noe vs Joseph Cuschieri" ma kienx gie regolarment skond il-ligi notifikat bic-citazzjoni u ghalhekk il-proceduri tal-kawza u s-sentenza moghtija fl-24 ta' Mejju, 1993 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandhom jitqiesu li huma bla effett, u li l-mandat ta' Qbid numru 1726/95 in esekuzzjoni tal-istess sentenza ghandu jitqies li huwa nfondat; u

2. Tirrevoka l-imsemmi mandat ta' Qbid mahrug fil-21 ta' Awissu, 1995 fl-ismijiet Anthony Savona nomine vs Joseph Cuschieri" numru 1726/95

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Savona nomine a fol. 11 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kontrih stante illi l-attur kien gie regolarment notifikat bic-citazzjoni numru 327/93 GMA kif ukoll bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u dan fit-22 ta' April, 1993, liema notifika saret fid-dar residenza tal-attur f'din il-kawza u ghalhekk is-sentenza moghtija fl-24 ta' Mejju, 1993 hija valida kif inhu validu wkoll il-Mandat ta' Qbid numru 1726/95.

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 52 li bih gie nominat espert kaligrafu;
Rat ir-rapport tal-espert Joseph Gaffiero a fol. 80;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

Il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq l-ewwel talba ta' l-attur. F'din it-talba l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li Joseph Cuschieri, l-attur

fil-kawza odjerna u konvenut fil-kawza Citaz Nru 327/93 GMA fl-ismijiet Anthony Savona noe vs Joseph Cuschieri, ma kienx regolarment skond il-ligi notifikat bic-citazzjoni u ghalhekk il-proceduri tal-kawza u sentenza moghtija fl-24 ta' Mejju, 1993 mill Prim Awla ghandhom jitqiesu li huma bla effett u li l-mandat ta' qbid Nru 1726/95 in esekuzzjoni ta' l-istess sentenza ghandu jitqies u huma nfondati.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li d-domanda hija nfondata stante li l-attur gie regolarment notifikat bic-citazzjoni, liema notifika saret fid-dar tar-residenza ta' l-attur.

**PROVI**

**L-attur** xehed li kien sar jaf bil-kawza meta l-marixall mar bil-mandat. Fuq il-*pink card* kien hemm firma li hu jghid li m'hiex tieghu. Hu qatt ma kien irceva dokumenti mill-Qorti u qatt ma ffirma li rceva dawn id-dokumenti. Hu joqghod fl-istess indirizz indikat fil-*pink card* flimkien ma' huh Emanuel. Dan kien qallu li ma kienx irceva dokumenti u meta urih kopja tal-*pink card* qallu li ma kinitx il-firma tieghu. Hu esebixxa diversi dokumenti biex juri kif kienet u kif inhi l-firma tieghu. Hu dejjem jiffirma l-istess pero' xi snin ilu kien bidilha fis-sens li meta kien zghir kien jiffirma mod u issa mod iehor. Ilu zgur 15 sena jiffirma l-istess.

**Emanuel Cuschieri** xehed li hu jigi hu l-attur. Fil-1993 hu kien joqghod ma' huh fil-post indikat. Hu ma jiftakarx li rceva avviz mill-Qorti. Il-firma fuq il-*pink card* m'hiex tieghu. Ommu ma kienitx tigi fil-post taghhom fil-hinijiet meta jigi tal-posta imma fil-*weekends* filghaxija. Meta jkun hemm xi hadd fid-dar, dan ikun meta jkunu hemm huma.

**Francis Ebejer,** *Claims Manager* mad-ditta konvenuta, xehed li kienu fethu kawza kontra l-attur fuq *collision*. Cuschieri ma kienx deher, hadu sentenza u

hargu mandat. Cuschieri kien qallhom li hu ma kellux x’jaqsam maghhom u ma kien irceva xejn. Hu qatt m’ammetta tort. Kienet saret korrispondenza ma’ Galdes & Mamo biex jaraw kif ser jaslu fuq tort izda ma waslux.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-espert kaligrafu kkonkluda li wara li wizen ir-rassomiljanzi u qabbilhom mad-diskrepanzi, irrizultalu li d-diskrepanzi ghandhom jeghlbu sewwa l-ftit xebh zghir li jista’ jezisti u dana huwa biss fl-inklinazzjoni tal-firma, ghalkemm mhux ghal kollox. Ghar-ragunijiet li hu spjega fir-rapport ikkonkluda li l-firma li tinsab fuq il-*pink card* fuq il-kliem “firma tad-destinatarju” m’hiex ta’ Joseph Cuschieri.

Opinjoni teknika, bhal kull prova fl-att, sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja, attendibbili u kredibbli, tifforma l-bazi tal-gudizzju tal-Qorti. Il-Qorti ghandha *mano libera* li taccetta jew tirrifjuta opinjoni teknika lilha sottomessa mill-perit tekniku. Bhal kull prova ohra tista’ tigi skartata mill-Qorti . Dan pero’ mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss jekk tirrizulta raguni valida fl-atti. Kien ghalhekk ukoll li l-ligi tipprovvdi ghan-nomina ta’ periti addizzjonali biex ikun hemm mezz ta’ verifika ta’ l-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta (Ara Sentenza App Camilleri vs Debattista 9/2/2001).

Fil-kaz in ezami ma hemm ebda raguni li tindika li l-perit nominat ma espletax l-inkarigu tieghu b’mod kompetenti u skond l-ahjar hila tieghu. Lanqas ma ntalbet nomina ta’ periti addizzjonali.

Ma’ l-ewwel daqqa t’ghajn ukoll jidher li hemm differenzi bejn il-firma fuq il-*pink card* u l-firma ta’ l-attur u ghalhekk il-Qorti lesta li toqghod fuq il-konkluzzjoni tal-espert.

Il-konvenuti ma qablux mal konkluzzjoni tal-perit u ssottomettew li l-attur kien iffirma d-dokument tal-Qorti fejn accetta n-notifika. L-attur fix-xhieda tieghu

sahaq li hu qatt ma kien irceva dokumenti tal-Qorti dwar il-kawza u lanqas huh u sar jaf biss bil-kawza meta rceva l-mandat u kellu jaghmel din il-kawza.

Il-konvenuti ssottomettew ukoll li l-attur kien biddel il-firma u dik ta' meta kien zghir ma hiex l-istess bhal dik ta' meta kiber. L-espert pero' ghamel l-ezami tal-firem ta' l-attur minn 1991 sal-1995 u l-attur xehed li dawn l-ahhar hmistax-il sena hu ma biddilx il-firma.

Il-konvenut kien ikkontesta ma' l-assikurazzjoni t-tort ghall incident u fil-fatt kienet ghaddejja korrispondenza bejn l-assikurazzjonijiet biex jaraw jaslux ghal soluzzjoni izda ma rnexxilhomx. Skond ix-xhud Ebejer l-attur qatt m'ammetta tort. Dan ifisser li l-attur ma kienx ser jittraskura jew jinjora l-interpellazzjonji tal-konvenuti biex ihallas ghax hu kien diga indika li ma kienx ser jaccetta tort.

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti tilqa' l-ewwel talba attrici u stante li t-tieni talba hija konsegwenza ta' l-ewwel talba tilqa' t-tieni talba wkoll bl-ispejjez kontra l-konvenuti

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**